MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 412/2002

**Avviz numru 412/2002DM**

**Joseph u Natalina konjugi Vella**

**Vs**

**Carmel u Doreen konjugi Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema Joseph u Natalina konjugi Vella talbu il-kundanna tal-konvenuti Azzopardi ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef lira maltin (Lm 3000) rappresentanti self *brevi manu* effettwat mill-atturi favur il-konvenuti li kkostitwew ruhhom debituri permezz ta' skrittura datata ghoxrin (20) ta' Gunju, 2001.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati, u ghalkemm il-konvenut Carmel Azzopardi ikkontesta t-talba fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) Novembru, 2002, ma ppresentawx ebda eccezzjonjiet formali u lanqas dehru fis-seduta tal-lum.

Il-konvenut lanqas ma deher biex jirrispondi d-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti semghet id-deposizzjoni ta' l-attur Joseph Vella u rat id-dokument minnu esibit, issib illi t-talba attrici tirizulta gjustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma mitluba ta' tlett elef lira maltin (Lm3000) bl-imghaxijiet legali b'effett mid-dsatax (19) ta' Gunju, 2002.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------